MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR GHAWDEX

## GUDIKATUR DR. MERCIECA GRAZIO

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 44/2002/1

**Island Sound Limited**

**vs**

**Tony Said f'ismu propju u kif ezercitanti fin-negozju 'Vinyard Bar & Restaurant'**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li permezz taghha l-attur talab:

"Rapprezentanti prezz ta' servizz ta' riklamar moghti lilek fuq Island Sound Radio fuq inkarigu tieghek.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut minn issa ngunt in subizzjoni."

Ra r-risposta:

1. Preliminarjament il-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2148 (a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-reklamar ordnat mill-konvenut thallas kollu u jekk sar xi reklamar zejjed sar minghajr l-awtorizazzjoni tal-konvenut.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Sema' l-provi u ra d-dokumenti esibiti.

Ikkunsidra:

Illi s-servizz mertu ta' din il-kawza jikkonsisti f'reklamar moghti fuq stazzjon tar-radju. Artiklu 2148(a) jippreskrivi terminu ta' preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar fir-rigward tal-azzjonijiet ta' persuni li jahdmu sengha jew arti mekkanika ghall-prezz tal-opri jew tax-xoghlijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu, u jsemmi bhala ezempji lill-hajjata, l-iskrapar, lill-mastrudaxxi, lill-bennejja, lill-bajjada, lill-haddieda, lill-argentieri, u lill-arluggara. Fil-fehma ta' dan it-Tribunal, ir-reklamar certament mhux arti mekkanika. U l-anqas huwa sengha jew *trade*, specjalment jekk wiehed jinterpreta din il-kelma a bazi tal-principju tal-*ejusdem generis* li wiehed jislet min-numru estensiv ta' ezempji li taghti l-istess ligi. Tassew illi jista' b'xi mod jinghad illi r-reklamar huwa sengha: Izda meta l-ligi qed tghid *sengha jew arti mekkanika* qieghdha tfisser mhux kwalunkwe sengha, imma sengha mekkanika. Dan ma jidhirx car la mit-test Malti u l-anqas mit-test Ingliz tal-ligi, imma jirrizulta mit-test originali bl-ilsien Taljan li kien jghid hekk:

*Art 1912: Si prescrivono col decorso di diciotto mesi le azioni Dei sarti, calzolaj, falegnami, muratori, biancheggiatori, magnani, orefici, orologiari, ed altre persone esercenti mestieri od arti mecchaniche, pel prezzo dello loro opere, dei loro lavori, o delle cose che somministrano;*

Illi l-Qorti tal-Kummerc, in re *Godfrey Grima noe vs Ronald Anthony Muscat et noe* deciza fl-14 ta' Frar 1983, ippreseduta mill-imhallef J.A. Herrera, kienet sahansitra rrespingiet eccezzjoni ibbazata fuq artiklu 2254 (c ) (illum 2149 (c ) ) tal-kodici civili – cioe', biex ma jkunx hemm xi

ekwivoku, mhux l-istess artiklu li fuqu qieghed jiccita l-konvenut – billi sostniet li r-reklamar l-anqas jista' jigi deskritt bhala arti liberali (kuncett iktar wiesa minn sengha jew arti mekkanika bhalma huwa l-kaz presenti) u rriteniet li *"advertising" jew "reklamar" m'hu xejn hlief atti ta' kummerc ghall-hlas talli jxandru oggetti lill-pubbliku. Kwindi dan il-kaz ma jaqax taht il-klassifika msemmija fl-art 2254(c ) , tal-Kodici Civili kif qeghdin jippretendu l-konvenuti u ghalhekk l-eccezzjoni tal-konvenuti tal-preskrizzjoni ta' sentejn ma tistax tigi milqugha..*

Illi ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mhix sostenibbli.

Illi kwantu ghall-mertu tal-kaz, il-konvenut isostni li huwa ma nkarigax lis-socjeta' attrici biex taghmillu riklamar ghall-perjodu ta' xahar ta' bejn is-7 ta' Marzu u t-8 t'April 1999. Din il-verzjoni tal-konvenut hija kkorroborata mill-fatt illi huwa ffirma l-kuntratt Dokument I.S.2 a fol 12 tal-process, li kien ghall-perjodu bejn it-8 ta' Frar u s-7 ta' Marzu 1999. Fil-kaxxa li tinstab fir-rokna ta' fuq tal-lemin tal-istess skrittura, hemm imnizzel l-isem ta' "Robert" bhala Sales Representative. Min-naha l-ohra, fuq Dok I. S. –1 a fol 10 la hemm min kien is-Sales Representative (il-kaxxa thalliet vojta) u l-anqas hemm il-firma tal-konvenut. Min-naha tieghu, is-Sur Colin Tabone xehed illi kuntratt jibqa' jiggedded u jigi kkancellat mhux verbalment, imma bil-kitba. Issa l-ebda kuntratt ma jiggedded awtomatikament, u anke jekk ikun hemm stipulazzjoni li jiggedded, dan jista' jithassar verbalment kemm-il darba ma jkunx hemm stipulat il-kuntrarju; bhalma jigri f'hafna standard form contracts. Ma jirrizultax li ghar-rigward tar-reklamar mertu ta' din il-kawza kien hemm xi ftehim ta' dan it-tip. Di piu', is-socjeta' attrici ssostni li l-konvenut ta' l-kunsens verbali tieghu ghat-tigdid tal-kuntratt; u qal li kien sejjer jingungi bhala xhud lill-persuna (mara) li kien kellem il-konvenut fuq it-telefon, izda fil-fatt din ix-xhud ma tressqet qatt. Ghalhekk ma jirrizultax illi l-kuntratt iggedded it-tieni darba.

Illi mill-ammont pretiz ta' LM254.40 ghalhekk irid jitnaqqas il-kont tat-tieni kuntratt (Dok IS-1) ta' LM 238.05c u cioe'

LM186.30 u LM51.75c. Ghalhekk jibqa' bilanc mhux imhallas ta' LM16.35c.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi fl-ewwel lok jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut u jilqa' t-talba tal-attur limitatament ghas-somma ta' LM16.35c bl-imghax legali mit-8 ta' Marzu 1999 sad-data tal-eventwali hlas effettiv; spejjez tar-registru jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet. Kull parti thallas lill-avukat taghha billi s-somma pretiza hija inqas minn LM250.

(ft) Grazio Mercieca

Gudikatur

(ft) Mary Jane Attard

Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur